MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1074/2005

**Frank Tonna.**

**vs.**

**Alfred u Rosette konjugi Debattista.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta’ Novembru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta’ tmintax-il elf lira Maitin (Lm18,000) rappresentanti komplessivament din is-somma flejjes mhallsa b’numru ta’ pagamenti separati li saru akkont tal-prezz finali ta’ bejgh

u trasferiment ta' proprjeta` mmobbli liema bejgh eventwalment baqa ma sarx u liema somma ta’ flus baqghet ma gietx rifuza lill-attur mill-konvenuti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m’ghandhorn l-ebda eccezzjonijiet x’jissollevaw ghat-talbiet attrici u b’hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-**artikoli 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh.

Illi l-konvenuti debitament interpellati baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-**artikoli 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta’ tmintax-il elf lira Maitin (Lm18,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta’ Dicembru 2005 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur asistit minn Dr. Roberto Montalto u dehru l-konvenuti assistiti minn Dr. Zammit McKeon u gew notifikati bl-avviz tas-smigh. Il-Qorti semghet il-partijiet u dehrilha *prima facie* li hemm eccezzjonijiet validi x’iressqu l-konvenuti u ghalhekk awtorizzat lill-istess jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ l-istess digriet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 23 ta’ Dicembru 2005 a fol. 8 tal-process fejn eccepew illi:-

1. L-ammont dovut lill-attur huwa tliet elef tliet mija sitta u tmenin lira u centezmu (Lm3,386.01).

2. L-eccipjenti jaccettaw li meta l-konvenju mal-attur dwar il-bejgh tal-fond “Avon”, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, propjeta` taghhom, kien ghadu fis-sehh, huma rcevew f’erba’ hlasijiet fi zminijiet differenti total ta’ tmintax-il elf lira (Lm18,000) izda kemm waqt li l-konvenju kien ghadu fis-sehh kif ukoll wara li skada sas-6 ta’ Dicembru 2005 meta l-attur ikkonsenja c-cavetta lill-eccipjenti, l-attur baqa’ jokkupa l-fond bla titolu u juzah in konnessjoni man-negozju tieghu ta’ magni u ingenji bil-konsegwenza li l-eccipjenti garrbu danni fl-ammont ta’ tlettax-il elf seba’ mija tlieta u hamsin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm13,753.54) flimkien ma’ kontijiet tad-dawl u ilma fl-ammont ta’ tmien mija u sittin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) b’kollox erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il lira disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99).

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 9 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda (fol 9) u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok “AD 1” u Dok “AD 2”.

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuti datata 23 ta’ Dicembru 2005 a fol 10 tal-process fejn esponew:-

Illi bejn l-1 ta' Lulju 2002 u s-6 ta’ Dicembru 2005, l-attur kien jokkupa bla titolu l-fond “Avon”, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, propjeta` tal-konvenuti, u juzah in konnessjoni man-negozju tieghu ta’ magni u ingenji.

Illi bl-okkupazzjoni tal-fond da parti tal-attur, il-konvenuti garrbu danni komplessivi fl-ammont ta’ erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il lira disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99) in kwantu ghal tlettax-il elf seba’ mija tlieta

u hamsin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm13,753.54) ghall-okkupazzjoni *stante* li l-fond *de quo* ghandu valur lokatizju ta' erbat elef lira (Lm4000) fis-sena (Dok "AD 1") u in kwantu ghal tmien mija u sittin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) bhala spejjez ta' kontijiet tad-dawl u ilma li l-attur baqa' ma hallasx ghaz-zmien kemm dam jokkupa l-istess fond.

Illi l-attur mhux qed jaccetta li jhallas id-danni u spejjes kollha dovuti minnu lill-konvenuti.

Illi ghalhekk il-konvenuti talbu li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-attur okkupa minghajr titolu u ghamel uzu ghal skop ta' negozju l-fond "Avon", Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, proprjeta' tal-konvenuti bejn l-1 ta' Lulju 2002 u s-6 ta' Dicembru 2005, bil-konsegwenza li l-konvenuti garrbu danni.

2. Tillikwida d-danni tal-konvenuti fl-ammont ta' erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il lira disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99) in kwantu ghal tlettax-il elf seba' mija tlieta u hamsin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm13,753.54) ghall-okkupazzjoni u in kwantu ghal tmien mija u sittin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) bhala spejjes ta' kontijiet tad-dawl u ilma li l-attur baqa' ma hallasx ghaz-zmien kemm dam jokkupa l-istess fond.

3. Tikkundannah ihallas lill-konvenuti s-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il lira disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99) hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett millum kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti a fol 11 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok "AD 1" u Dok "AD 2" a fol 11 – 14 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Frank Tonna datata 11 ta’ Jannar 2006 a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa li:-

1. Illi *in linja* preliminari, il-kontro-talba hekk kif imressqa mill-konvenuti rikonvenzjonanti mhix ammissibbli *ai termini* tal-**artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* illi din hija fis-sustanza msejsa fuq titolu jew dritt ta’ azzjoni differenti minn dak li huwa mertu tal-azzjoni avvanzata mill-attur eccipjenti u per tant l-istess konvenuti rikonvenzjonant qatt ma seta’ pprevalixxa ruhu mill-imsemmija disposizzjoni tal-Ligi (**Philip Pisani vs Albert Agius Ferrante** - Prim Awla – 18 ta’ Novembru 1997, u **Paul Gambin vs Frank Gambin pro et noe** - Qorti tal-Appell 27 ta’ Marzu 1996).

2. Illi l-attur eccipjenti jeccepixxi illi ma kien hemm ebda okkupazzjoni illegali da parti tieghu kif allegat mill-konvenuti *stante* illi l-konvenuti rikonvenzjonanti dejjem taw il-kunsens taghhom ghal tali okkupazzjoni.

3. Illi l-attur eccipjenti jecepixxi illi l-konvenuti rikonvenzjonanti ma sofrew ebda danni kif minnhom allegat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ Frank Tonna a fol 17 tal-process.

Rat in-nota ta osservazzjonijiet tal-konvenuti dwar l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba taghhom datata 14 ta’ Marzu 2007 a fol 69 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta’ Mejju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Inghatat decizjoni *in parte*.

Rat id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti hekk presjeduta fit-3 ta’ Mejju 2005 a fol 75 tal-process li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba tal-

konvenuti, bl-ispejjez ta' l-istess decizjoni a karigu tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-27 ta' Gunju 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm seduta fid-19 ta' Ottubru 2007 ghall-konkluzjoni tal-provi kollha u kontro-ezamijiet kollha relattivi tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u wara l-istess il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta' Gunju 2008 fejn il-Qorti ssostitwiet lil Dr.Josette Demicoli b'Dr.Gillian Mamo bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa l-ahhar seduta biex l-attur jaghmel il-kontro-ezamijiet kollha tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr.Gillian Portelli flimkien max-xhieda quddiemha prodotta u d-dokumenti lilha pprezentati.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti konjugi Debattista datata 12 ta' April 2010 a fol 186 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2010 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kevin Camilleri Xuereb ghall-konvenuti prezenti u Dr. Roberto Montalto ghall-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dwar l-azzjoni attrici jirrizulta li l-attur qed isostni li huwa ghandu jigi mhallas lura l-ammont ta’ Lm18,000 (€41,929) peress li huwa kien hallas l-istess somma bhala akkont tal-prezz ta’ bejgh tal-fond “Avon”, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, u la darba l-bejgh ma sarx qed jitlob li jigi rifuz l-istess ammont lura.

Illi l-konvenuti, proprjetarji tal-fond *de quo* sostnew li huma veru ircevew l-ammont indikat mill-attur bhala akkont tal-prezz ghall-bejgh tal-istess fond, pero’ sostnew li huma ghandhom ihallsu biss l-ammont ta’ Lm3,386.01, peress li l-attur kien baqa’ jokkupa l-istess fond bla titolu ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2002 u s-6 ta’ Dicembru 2005, u ghalhekk l-atturi soffrew danni fl-ammont ta’ Lm13,753.54 ghall-okkupazzjoni *stante* li l-fond *de quo* ghandu valur lokatizju ta’ Lm4000) fis-sena (Dok “AD 1”) u in kwantu ghal li l-attur baqa’ ma hallasx ghaz-zmien kemm dam jokkupa l-istess fond. Dwar dan l-konvenuti pprezentaw kontro-talba sabiex jigi ddikjarat li l-attur kien okkupa l-fond bla titolu ghall-perjodu li l-istess fond dam ghandu u ghalhekk ghandu jhallas id-danni naxxenti minn tali okkupazzjoni fl-ammont ta’ Lm13,753.53 rappresentanti ghalhekk kumpens ghal tali okkupazzjoni (allura llecita) u l-ammont ta’ Lm860.45 ghall-ispejjez ta’ kontijiet ta’ dawl u ilma li utilizza l-attur ghal dak iz-zmien.

Illi b’hekk minn dan jirrizulta li t-talba attrici hija bazikament ammessa, u l-Qorti trid tara jekk dak indikat fil-kontro-talba, fejn allura l-konvenuti qed jippretendu l-ammont ta’ Lm14,613.98 huwiex gustifikabbli.

Illi jinghad li fil-verita’ l-konvenuti kellhom konvenju datat 15 ta’ Frar 2002 redatt minn Nutar Francis Micallef (Dok. “RM 1” – fol. 172) ma’ certu Joseph Debattista maghruf bhala l-“Il-Bloqq”, fejn l-istess konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jbiegh l-istess fond lill-eventwali kompratur hemm indikat ghas-somma ta’ Lm32,000, li minnhom kellhom jithallsu l-ammont ta’ Lm3,000 fi zmien xahar u

mal-pagament tal-istess ic-cavetta tal-istess fond kellha tigi kkonsenjata lill-Joseph Debattista. Dan il-konvenju kellu jiskadi sal-ahhar ta’ Gunju 2003, u inghad ukoll li jekk il-kuntratt ma jsirx ghal kwalunkwe raguni, d-depositu jintilef favur il-konvenuti (bhala vendituri) u kull benefikat li l-kompratur jaghmel fl-istess fond ma ghandux jithallas kumpens tieghu. Illi dwar l-ispejjez tal-ilma u d-dawl inghad li sal-ammont ta’ Lm100 dawn kienu a karigu tal-konvenuti u il-bqija ghall- kompratur.

Illi jirrizulta wkoll li, fit-2 ta’ Mejju 2002, sar konvenju iehor redatt minn Nutar Dr. Antoine Agius, fejn l-imsemmi Joseph Debattista obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi l-istess fond lill-attur fil-kwalita’ tieghu indikata ghas-somma ta’ Lm50,000 u pagabbli kif indikat fl-istess konvenju (Dok. “ZM 1” – fol. 60) u fil-fatt ghalhekk kif indikat mill-konvenuti fin-nota taghhom datata 30 ta’ Novembru 2006, il-pendenza odjerna titratta dwar zewg konvenji (fol. 59) u mhux il-kaz li Joseph Debattista trasferixxa d-drittijiet tieghu fuq l-ewwel konvenju mal-konvenuti ghal fuq l-attur. B’hekk kien hemm zewg konvenji fuq l-istess fond wiehed bejn l-konvenuti u Joseph Debattista, u l-iehor bejn Joseph Debattista u l-attur fil-kwalita’ tieghu premessa fil-konvenju datat 2 ta’ Mejju 2002.

Illi minkejja dan jidher li f’Mejju 2002 Joseph Debattista u l-attur marru ghand il-konvenuti u qalulhom li l-attur kien diehel flok Joseph Debattista ghall-bejgh tal-fond *de quo*, u dan gie accettat mill-konvenuti, li jidher li accettaw li l-attur jibqa’ jokkupa l-istess fond, li kien gia okkupat qabel minn Joseph Debattista. Pero’ ma jidhirx li gew iffirmati skritturi ulterjuri, u allura r-relazzjoni ta’ konvenju bejn l-konvenuti u l-attur ma tirrizultax minn dawn l-atti, tenut kont ukoll li att ta’ konvenju irid issir bil-miktub.

Illi jidher li l-kuntratt baqa’ ma sarx, u izda l-attur baqa’ xorta jaghmel pagamenti akkont tal-prezz lill-konvenuti, tant li dan l-ammont tela’ ghas-somma ta’ Lm18,000, b’dan li l-partijiet jghidu li kull meta kien isir pagament kienet issir proroga tal-presuppost konvenju ta’ bejniethom, prorogi li ma gew lanqas esebiti mill-ebda parti.

Illi jirrizulta wkoll li inghad li l-ahhar proroga kienet valida sal-ahhar ta’ Gunju 2005, izda l-attur ma rnexxilux jikkomunika mal-konvenuti, izda wara li ghadda dan iz-zmien l-attur irnexxielu jikkomunika mal-konvenuti li rrispondewh li huma riedu biss ic-cavetta tal-fond ghaliex il-fond ma kienx ghadu ghall-bejgh, u talbu li jithallsu bhala kera ammont komputat bir-rata ta’ Lm4,000 fis-sena, ta’ kemm l-istess fond dam ghand l-attur. L-attur ma accettax u rritorna ic-cwievet tal-fond fl-ewwel udjenza f’din il-kawza (6 ta’ Dicembru 2005).

Illi l-konvenuti jghidu li huma riedu jersqu ghall-kuntratt finali tant li jghidu li marru (ara affidavit tal-konvenut datat 16 ta’ Ottubru 2006 – fol. 63 – Dok. “ZM3”) ghand in-Nutar Antione Agius fi Frar 2005 sabiex jghidulu li ma kienux lesti li jgeddu l-konvenju wara Gunju 2005 u anke marru ghand Joseph Debattista, izda dan qal li kellu xi problemi ta’ flus mal-attur; jghidu wkoll li l-attur ried ihallas is-somma ta’ Lm10,000, izda ma riedx ihallas sa Gunju 2005 il-bilanc kollu. Jidher li dan ma sarx u l-1 ta’ Lulju 2005, meta l-attur ikkomunika maghhom, l-konvenuti qalulu li riedu c-cavetta u wara informaw lill-attur li riedu l-kera ta’ kemm dam l-istess fond ghandu.

Illi fl-isfond ta’ dan kollu jirrizulta li l-attur kien qed jokkupa l-fond bil-kunsens tal-konvenuti, u li fil-verita’ konvenju mal-konvenuti kien hemm dak ma’ Joseph Debattista, konvenju li b’xi mod inghad li gie prorogat sal-ahhar ta’ Gunju 2005, ghalkemm l-ebda proroga ma giet esebita. Jirrizulta wkoll li l-konvenuti bl-ebda mod ma ppruvaw jesegwixxu l-konvenju ma’ Joseph Debattista, u wisq anqas mal-attur – kienet x’kienet ir-relazzjoni mieghu. Dan qed jinghad ghaliex kull ma jirrizulta tangibbli huwa biss li l-konvenuti kienu qed jircievu pagamenti akkont tal-prezz ghall-bejgh tal-istess fond mill-attur u dan huwa ammess fl-ammont mitlub fl-azzjoni attrici; u wkoll li l-attur kien qed jokkupa l-istess fond bil-kunsens tal-konvenuti li almenu sal-ahhar ta’
Gunju 2005 kienu lesti li jbieghu l-fond lill-attur, ghalkemm jidher li f’dan il-kuntest, (forsi hlief ghall-prorogi li ssemmew u ma gewx esebiti) ma kien hemm ebda

konvenju bejn il-partijiet odjerni, u certament ma kienx hemm lanqas skrittura ta’ cessjoni ta’ drittijiet *da parte* ta’ Joseph Debattista favur l-attur.

Illi jirrizulta wkoll li l-konvenuti bl-ebda mod ma ppruvaw jenforzaw l-esekuzzjoni tal-konvenju li kellhom ma Joseph Debattista kontra l-istess u lanqas kontra l-attur u fid-dawl ta’ dan din il-Qorti thoss li t-talbiet tal-konvenuti sabiex l-attur ihallashom l-ammont ta’ Lm13,753.54 bhala danni ghall-okkupazzjoni tal-fond *de quo* mill-attur minghajr titolu, ma tistax tigi akkolta u dan peress li jirrizulta li l-istess fond kien ghand l-attur bil-kunsens tal-konvenuti, u l-ewwel darba li l-konvenuti, anke skond ix-xhieda taghhom talbu lill-attur sabiex jaghtihom ic-cavetta tal-fond kien biss verbalment fl-1 ta’ Lulju 2005. B’hekk din il-Qorti thoss li l-attur ma kienx qed jokkupa l-istess fond illegalment, jew b’mod mhux lecitu anzi kien qed jokkupa l-istess bil-kunsens tal-konvenuti, u ma kien hemm ebda ftehim li l-istess attur kellu b’xi mod jikkontribwixxi ghall-okkupazzjoni tal-istess, u wisq inqas kien hemm ftehim ta’ kera dwar l-istess. Kollox sar ghaliex il-partijiet kienu taht l-impressjoni li bejniethom kien hemm promessa ta’ bejgh u xiri, u tul il-mori tal-istess, l-attur kellu jokkupa l-istess fond u ma kien hemm ebda kliem u wisq inqas ftehim ghal kumpens ghall- hlas ta’ l-istess fil-kaz li l-prezunt konvenju ma jigi ezegwit b’publikazzjoni ta’ kuntratt relattiv. Jinghad ukoll li fil-konvenju li l-konvenuti iffirmaw ma’ Joseph Debattista, il-possibilita’ li ma jsirx il-kuntratt hija kontemplata, izda r-rimedju kien li jintilef id-depositu ta’ Lm3,000 li kellu hemm jithallas minn Joseph Debattista, u li l-eventwali kompratur ma jigix kompensat ghall-benefikati li jsiru fl-istess fond. Veru li llum huwa l-attur li qed jaghmel din il-kawza, izda ma jidhirx li fil-konfront tieghu kien sar xi ftehim li jekk ma jsirx il-kuntratt huwa kellu jhallas ghall-okkupazzjoni tal-istess.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li kif imposta l-kontro-talba tal-konvenuti ma tistax tigi accettata, u dan peress li huma kienu taw il-kunsens taghom sabiex l-attur juza l-istess *garage*, u dan bl-iskop li l-istess *garage* jigi eventwalment trasferit lilu, u dan minkejja li ma giex ippruvat li l-konvenuti legalment kellhom xi konvenju mal-

attur stess. Fid-dawl ta’ dan, din il-bazi tal-kontro-talba qed tigi michuda.

Illi dwar il-kontijiet ta’ dawl u ilma din il-Qorti thoss li gie ppruvat li kien l-attur li uza l-istess u bejn il-partijiet ma jidhirx li kien hemm dubju li kien l-attur li kellu jhallas ghall-istess u dan il-konsum jammonta ghall-Lm860.45 (€2,004.31) u fil-fatt dwar dan l-attur ma offra l-ebda kontestazzjoni u ghalhekk din il-Qorti tilqa’ l-kontro-talba tal-konvenuti fl-ammont ta’ €2,004.31.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk dwar **ic-citazzjoni attrici** ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ wiehed u erbghin elf, disa’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€41, 928.72) (ekwivalenti ghal tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) u dan ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici sal-effettiv pagament kontra konvenuti.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenuti** ghal dawn l-istess motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi tilqa’ t-tieni eccezzjoni fir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti, u fil-waqt li tichad l-eccezzjoni l-ohra biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma` dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom biss fis-sens hawn deviz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur okkupa bil-kunsens tal-konvenuti u ghamel uzu ghal skop ta’ negozju tal-fond “Avon”, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, proprjeta’ tal-konvenuti bejn l-1 ta’ Lulju 2002 u s-6 ta' Dicembru 2005 bil-konsegwenza li l-konvenuti garrbu danni biss fis-sens li l-

kontijiet tad-dawl u ilma ghall-istess perjodu ma thallsux mill-attur.

2. Tillikwida d-danni tal-konvenuti fl-ammont ta' elfejn, u erbgha ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,004.31) ekwivalenti ghal tmien mija u sittin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) bhala spejjez ta' kontijiet tad-dawl u ilma li l-attur baqa' ma hallasx ghaz-zmien kemm dam jokkupa l-istess fond u li thallsu mill-konvenuti.

3. Tikkundanna lill-attur jhallas lill-konvenuti s-somma ta' elfejn, u erbgha ewro u wiehed u tlettin centezmu (€2,004.31) ekwivalenti ghal tmien mija u sittin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) hekk likwidati.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kwantu ghall-parti minn hmistax (1/15) ghall-attur u kwantu ghal 14-il parti minn 15 (14/15) ghall-konvenuti, bl-imghax legali b'effett mid-data tan-notifika tal-kontro-talba lill-attur fit-28 ta' Dicembru 2005 sal-effettiv pagament kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------